StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Rotta 2

**IT-TIENI SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ________________________ **Klassi:** __________



## A. Wieġeb fil-qosor. (20 marka)

1. Il-Bibbja ma' min tqabbel lill-bnedmin li tbiegħdu minn Alla minħabba d-dnub?

_______________________________________________

_______________________________________________

2. X'jiġri lil dawk li jitbiegħdu minn Alla u jwarrbuh minn ħajjithom?

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Min kellhom ikunu r-rgħajja li f'isem Ġesù kellhom ikomplu jgħaqqdu l-bnedmin m'Alla u bejniethom?

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Lil min wiegħed li jibgħat Ġesù fil-Knisja biex tieħu l-ħajja?

_______________________________________________

_______________________________________________

5. F'liema żewġ aspetti hemm rabta bejn l-Evanġelji u l-Atti tal-Appostli?

_______________________________________________

_______________________________________________

6. F'kemm-il taqsima jinqasam il-ktieb tal-Atti tal-Appostli?

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7. Ma' liema appostlu ddur l-ewwel taqsima tal-Atti tal-Appostli?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

8. It-tieni taqsima tal-Atti tal-Appostli tippreżentalna appostlu ieħor. Minn hu?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

9. Liema żewġ kapitli jirrakkuntaw in-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

10. Meta niċċelebraw il-festa tan-nawfraġju ta' San Pawl?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**B. Qabbel ma' xulxin billi tikteb in-numru fil-kolonna l-vojta tan-nofs.**
**(16-il marka)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-Kolletta | | L-għaqda ta' dawk li jieklu flimkien mill-istess ħobż. |
| 2 | It-Talba tal-fidili | | Is-saċerdot jitlob biex l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna f'ġisem wieħed lilna li nieħdu sehem mill-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. |
| 3 | Is-Salm Responsorjali | | Jgħidha s-saċerdot wara l-Glorja, u jinġabar fiha t-talb tal-komunità kollha. |
| 4 | L-Att Penitenzjali | | Hija t-talba li permezz tagħha nuru l-għaqda tagħna bħala familja waħda mal-Missier. |
| 5 | Il-'Paċi miegħek' | | Il-komunità miġbura tfaħħar jew titlob ´l Alla jgħinha wara l-ewwel qari. |
| 6 | Il-'Missierna' | | Membri mill-komunità jtellgħu l-offerti tal-ħobż u tal-inbid li fihom inqiegħdu x-xogħol u l-mistrieħ, il-ferħ u n-niket ta' ħajjitna. |
| 7 | Il-Purċissjoni bl-offerti | | It-talb li nwasslu quddiem Alla għall-ħtiġijiet ta' kulħadd. |
| 8 | It-Tqarbin | | Huwa sinjal li jsir biex isaħħaħ l-għaqda ta' bejnietna. |
| 9 | It-Talba Ewkaristika | | Nistqarru l-ħtijiet tagħna quddiem l-oħrajn u nitolbu l-għajnuna tagħhom biex naqilgħu l-maħfra t'Alla. |

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ċ. Għid min kienu dawn il-qaddisin billi tikteb sentenza dwarhom.**
**( 8 marki)**

1. San Lawrenz

______________________________________________

______________________________________________

2. San Vinċenz de Paule

______________________________________________

______________________________________________

3. Santa Jean Jugan

______________________________________________

______________________________________________

4. San Ġwann Bosco

______________________________________________

______________________________________________

**D. Agħżel it-tajba billi taqta' sinjal taħtha. (14-il marka)**

**Kemm insibu ittri?**

1. Fit-Testment il-Ġdid insibu ( 21, 8, 10 ) ittra.
2. Ittri ta' San Ġakbu hemm ( 2, 1, 10 ).
3. San Ġwann kiteb ( 9, 12, 3 ) ittri.
4. B'kollox San Pawl kiteb ( 13, 16, 19 ) -il ittra.
5. San Pietru kiteb ( 2, 3, 8 ) ittri.
6. Ittri lil-Lhud insibu ( 1, 10, 6 ).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7. Ittri ta' San Ġuda hemm ( 2, 4, 1 ).

**E. Imla l-vojt bil-kliem ta' taħt. (10 marki )**

1. Alla waħdu hu s- __________________ ta' kulħadd u ta' ________________.

2. Il-ġrajja tat-Torri ta' ________________li nsibu fil-Bibbja aktarx mhix ġrajja li seħħet storikament.

3. Billi f'dawk l-inħawi l-art kienet taflija, il-ġebel malajr jispiċċa u b'hekk bdiet tiżviluppa s-sengħa li jagħmlu l-______________ mit-tajn.

4. Fil-belt kellhom __________________sodi u b'saħħithom kontra r-riħ qawwi, kellhom ____________________fejn iżommu l-qamħ għax-xitwa, u anke kellhom swar biex jiddefendu ruħhom.



5. Avolja nitkellmu bl-istess lingwa, xorta waħda ma nikkomunikawx jekk m'aħniex _____________ u qalbna miftuħa għall-ġid ta' ħaddieħor.

6. It-Torri ta' Babel bnewh għoli ħafna biex juru li huma l-ogħla qawwa tad-dinja u jieħdu l-________________li tmiss lil Alla waħdu.

7. Jista' jkun li t-Torri ta' Babel jirreferi għaż- ___________________ famuż li l-____________________ kienu jaraw fil-Babilonja meta kienu eżiljati f'dan il-pajjiż.

**briks, Żiggurat, sid, glorja, sincieri, kollox, imħażen, Babel, Lhud, djar**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F. Wieġeb Veru jew Falz. (10 ma

1. Il-Konċilju huwa meta l-isqfijiet tad-dinja kollha jinġabru flimkien biex jiddiskutu fuq it-tagħlim tal-Knisja . ___________________.
2. Il-Levita għen lir-raġel li kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalem. ____________________.
3. Il-mara Sirofenicja kellha lil bintha maħkuma minn spirtu ħażin. _________________.
4. Il-Pubblikani kienu jiġbru t-taxxi fi żmien Ġesù. _________________________.
5. San Pawl kien l-ewwel martri. ______________________.
6. Is-Samaritani kienu jinħabbu mil-Lhud. _____________________.
7. San Pietru kien il-kap tal-Knisja. _____________________
8. F'Pentekoste niżel l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli. _______________________.
9. Filippu kien wieħed mis-seba' djakni. ___________________________.
10. Mons. Mikiel Azzopardi waqqaf id-Dar tal-Providenza. _____________________.

## Ġ. Agħżel tnejn u ikteb fuqhom fuq karta separata. (20 marka)

1. Il-ħbieb dejjem huma bżonnjużi fil-ħajja tagħna iżda xi drabi jistgħu jagħmlulna l-ħsara.

Ikteb dwar:

(a) ħames **vantaġġi,** u

(b) ħames **żvantaġġi**

li jista' joffri l-grupp tal-ħbieb. (10 marki)

2. Ikteb il-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb u ikteb it-tagħlima li toħroġ minnha. (10 marki)

3. Ikteb il-ġrajja tal-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli u kif dak l-istess Spirtu għadu jaħdem fil-ħajja tagħna llum. (10 marki)

**Tmiem il-karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers